MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GUDIKATURA KRIMINALI)
# KUMPILAZZJONIJIET - NORMALI

**MAGISTRAT DR.**
**MIZZI ANTONIO LL.D.**

Seduta ta' 28 ta' Ottubru, 2002

Numru. 195/2002

Il-Pulizija
(Sp Martin Sammut)
vs
Louis Galea, iben Anthony,
imwieled Floriana fil-21 ta'
ġunju, 1959

Il-Qorti,
Rat l-akkuża kontra l-imputat talli fit-30 ta' jannar, 2002 għal ħabta tal-11.30 a.m., ġewwa Triq is-Swieqi, Swieqi, volontarjament ħassar, għamel ħsara jew għarraq ħwejjeġ ħaddieħor u cioe' vettura bin-numru tar-reġistrazzjoni JAE 972, tal-għamla Ford Fiesta billi ta daqqiet fuq il-bieba, liema ħsara tiskorri il-ħamsin liri maltin (Lm50) iżda mhux aktar minn ħames mitt liri maltin (Lm500) għad-dannu ta' Emanuela Farrugia, Henry Farrugia, Eretric Ltd. u persuni oħra.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali fejn ta l-kunsens tiegħu biex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Semgħet il-provi nkluza x-xhieda tal-imputat bil-ġurament.

Semgħet lill-avukat ta' l-imputat u lill-prosekuzzjoni.

Ikkunsidrat,

Illi fit-30 ta' jannar, 2002 għal ħabta tal-11.30 a.m. l-imputat li kien qed isuq mutur,
bin-numru tar-reġistrazzjoni LHG 181, kien sejjer fid-direzzjoni ta' Bay Street, San Ġiljan. Ftit qabel ma dar biex jaqbad in-niżla lejn Bay Street, minn taħt it-tunnel taħt ir-Regional Road ħarġet karozza, Ford Fiesta van, bin-numru tar-reġistrazzjoni JAE 972, u bdiet riesqa għal fuq il-mutur. L-imputat beda jdoqq il-horn u igħajjat,
is-sewwieqa, Emanuela Farrugia, indunat bih. Il-mutur u il-karozza waqfu ftit bogħod minn xulxin. L-imputat qal li Farrugia ma ndunatx bih mal-ewwel għaliex kienet qed titkellem fuq il-mobile telephone tagħha. Hu waqqaf il-mutur u mar għal fuq
is-sewwieq iżda kif induna li kienet mara offendiha u reġa mar lura.

Illi Emanuela Farrugia taqbel ma din il-versjoni li ġiet mogħtija mill-imputat ħlief għal fatt li meta hu mar qrib il-karozza tagħha hu ta daqqa ta' sieq fuq il-bieba ta' din il-karozza. Mid-dokument eżebit u mix-xhieda mogħtija bil-ġurament jirrizulta jirrizulta li l-istima tal-ħsara li saret hi ta' mija u ħamsa u ħamsin liri maltin (Lm155) liema ħsara saret għad-dannu ta' Eretric Limited.

Illi meta wieħed janaizza x-xhieda ta' dawn it-tnejn min-nies jirrizulta li hemm żewġ versjonijiet fejn l-imputat jiċħad li ta daqqa ta' sieq lill-bieba u l-parte l-oħra tgħid li l-imputat ta daqqa ta' sieq lill-bieba. Fil-kors tal-kawża xehed Kevin Perry, ħabib ta'
l-imputat, li qal li hu ma rahx lill-imputat jagħti ebda daqqa ta' sieq lill-bieba tal-karozza. Min-naħa tagħha, il-prosekuzzjoni ipproduċiet lill-PS1492 Joseph Pace li

xehed li l-imputat ammetta miegħu li hu kien ta bis-sieq. In sostenn ta’ dan ġiet eżebita l-okkorrenza ta’ dan il-każ minn fejn jirrizulta li l-imputat ta bis-sieq għaliex kien irrabjat għal kif ġabet ruħha Emanuela Farrugia.

Illi meta wieħed janalizza l-mekkanika ta’ l-inċident mhemm ebda diffikulta’ li jemmen dak li xehed is-surgent tal-pulizija li kellem lill-imputat ftit wara l-inċident u li rraporta dak li qallu fuq l-okkorrenza.  Għalhekk, jidher ċar li l-imputat hu responsabbli għall-ħsara li saret fil-karozza hawn fuq imsemmija.

Għaldaqstant, issib lill-imputat ħati tal-akkuża miġjuba kontra tiegħu.  Rat l-artikolu 325(1)(b) tal-Kodiċi Kriminali. Ma tikkundannahx għal piena karċerarja iżda tilliberah taħt il-provvedimenti tal-artikolu 9 tal-Kapitolu 152 tal-Liġijiet ta’ Malta
bil-kondizzjoni li ma jagħmilx reat ieħor fi żmien sitt xhur mil-lum.  Inoltre, rat
l-artikolu 11 tal-Kapitolu 152 tal-Liġijiet ta’ Malta u tikkundanna lill-imputat li jħallas is-somma ta’ Lm155 danni lis-soċjeta’ Eretric Limited.